84B

058

P. Okthos Offpuntament

# L-AHHAR APPUNTAMENT.

## ATT SOCJALI.

ta'

**Carmelo Galea S.D.B.**

B-dediku lil maħbub tiegħi tal-qalb
John Navarro Benefattur ta'
l'Opra Salesjana f' Malta

Fl-Imnarja,

29 ta' Gunju, 195 ,

SLIEMA.

"Min irid jigi warajja
jichad lilhu nnifshu,
jaqbad salibhu u jimxi
minn trieqti.

X'jiswielu lil bniedem
ikollu d-dinja kollha tieghu
jekk imbaghad jitlef ruhu?"

-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-
-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-o-
-o-o-o-o-o-o-o-
-o-o-o-
-

PERSUNAGGI:-

| | |
|---|---|
| GEMMA CHERUBINI, | artista maghrufa tkanta soprano....... |
| Carlo $ANZIO, | ARTISTA maghruf ikanta tenur.......... |
| RAFFAELE, | impresarju tat-tijatru, "Scala di Milano." |
| ROSINA, | QADDEJA fidila ta' Cherobini.......... |
| TITO, | segretarju ta' Gemma Cherobini........ |
| MADRE ABBATISSA, | tas-sorijiet Klarissi................ |
| NINU, | tfajjel ta' 12 il-sena bin Rosina..... |

Il-lum.

Ftit barra mil-belt ta' Napli. Ninsabu fil-bidu ta' Mejju meta tkun nizla x-xemx u l-fjuri jergghu jiehdu l-hajja biex izejnu u jfewhu n-natura.

Ix-xena turi:

Sala kbira u sabieha fil-Villa ta' Gemma Cherobini li tiswa ukoll bhal studju ta' Tito. Mit-tieqa li tinsab fil-fond tax-xena tider il-panorama msahhra ta' Napli; jidher tajjeb il-Vessuvju, u il-kampanja thaddar lis-sigar gholjien u t-tlelix tal-fjuri.

F'nofs is-sala hemm mejda tonda mghottija b'tapit tal-harir, fuqa hemm biss vazun minnghajr fjuri; max-xellug tal-attur hemm mejda ohra tad-deheb b'kexxun jinfetah u fuqa mera kbira, u xi fliexken tal-profumi, fuq quddiem hemm l-iskrivanija ta' Tito b'kull ma jinhtieg ghal kitba u gingilli ohra lussuzi. Nofs tuzzana siggijiet ukoll tad-deheb iddimaskati imqassmin mas-sala, bieb fil-lemin li johorgok ghal barra u jiehor fix-xellug illi jdahhlek fil-kmamar ta' gewwa: mil-bidu tal-kummidja sakemm tinghalaq il-purtiera il-panorama tal-Vessuvju dejjem toskura sakemm mil-lewn roza (ghaliex milquta mix-xemx) titbiddel f'lewn vjola.

Mal-ftuh tla-purtiera jinstama kant helu li dejjem jitbieghed (Kanzonetta Naplitana) Is-sala tinsab imdawla sewwa jekk jista jkun b'linfa.

((((((((*))))))))

## XENA I.

### Tito u Rosina.

Rosina. (Mara ta' 50 sena, armala, ghada gmiela fuq taghha, nadifa qiesa pupa. Fuq liebsa kollha blue ghanda fardal abjad karti, hija qeda zzomm mazz fjuri f'idejha, tmur ma gemb Tito.) Sur Tito!

Tito. (Ghazeb ta' 40 sena, mghandu l-ebda sura f'persunthu, qasir imghaddam, rasu tawwalija, ghajnejnh kbar suwed bin-nuccali tad-deheb, xuxthu bil-ferq fin-nofs, liebes tajjeb mghandu l-ebda hlewwa fizika, izda fommu tad-deheb u ~~sakkra~~ serju fl-imgieba tieghu; dan jinsab ma gemb it-tieqa bilqgheda bil-pniezel f'idhu, il-kuluri ma gembu u fuq kavallett zghir ghandu quddiemu bicca tila li fuqa qieghed ipingi l-panorama tal-Vessuvju.) Hallini, hallini....... (Ihares daqqa lejn il-panorama tal-belt u ohra fuq il-panorama tat-tila. Ipingi.)

Rosina. Sewwa wisq! Hallini, hallini u s-sinjorina Gemma padruna taghna tizborzja s-salarju. Aktar ma gemb dik it-tieqa milli fuq l-iskrivanija........

Tito. (Jaghti daqqa t'ghajn fuqali ffisser hafna.) Tindahallix!... Dawn kienu l-pattijiet meta jiena gejt biex nimpiega ruhi bhala skrivan u segretarju fidil tas-sinjorina Gemma Cherobin cioè, li meta ma jkollix x'nikteb nahdem fil-pittura....... ghaliex ghandek tkun taf illi jiena ma kontc imwieled ghas-sena ta' skrivan, imma biex insir ~~fixxxx~~ pittur celebri.

Rosina. Pittur naf....... imma celebri.......

Tito. U zgur li celebri. Anzi jekk ma tafx ghandek tkun taf ukoll illi jiena Tito Petifero mill boghod il-boghod, nigi minn Raffaello.

Rosina. Ukoll!..... Mur obsor.... Mela l-Itlaja fik ghad ghanda demm frisk illi jsejjah antenati tla-akbar celebrita' illi s-issa rat id-dinja?......

Tito. Jahassra intkom il-qaddejja tridu tindahlu u ma tifmu f'xejn. (B'sullennita' ftit komika izda naturlai.) Ghidli haga, inti lili xi hsibtni xi farfett hekk; idur mat-tubu tal-lampa?...

Ma dan kollu, l-artista Gemma Cherobini mux incas minni thobba l-arti tal-pittura....... forsi dak l-ahhar ritratt li ghamiltilha...... hemm arah. (Juriha l-bieb tax-xellug) donna hajja, trid tkelmek.... dak ir-ritratt ghas-sinjorina Gemma huwa ~~bizzejjed~~ aqwa mil-gawhar kollha li ghanda.

Rosina. Huwa aqwa mill kullana l-irrigalatla il-princep Federiku tal-Austria?

Tito. (Iqum u jmur jaqbad helu helu lil Rosina minn dirghajja.) Ghax halli nghidlek Rosina; inthom il-qaddejja.... skuzani eh...... Intkom il-caddejja ma tifmux hlief fil-kcina u fiz-zina tad-dar. Ejja hares dacxejn. (Jigbida lejn it-tieqa, dak il-hin wiccu jixghel bl-imhabba tal-arti.) Int qatt rajt gmiel bhal dak?.... Qatt ma tajt kas hux veru?.....

Rosina. (Li malli marret tittawwal mit-tieqa il-fardal abjad gie mdawwal mil-lewn roza tax-xemx.) Tassew liema vizzjoni qeda tindura l-belt imsahhra ta' Napli! Dak il-lewn roza wara l-gholijiet u dawk il-fjuri gewwa l-gonna tisthajlek qeda fid-dinja tal-holm. (Il-kant ghadu jinstama u dejjem jitbieghed.) ^

Tito. Mela hekk, uri li inti ukoll ghandek qalb biex thobb dak li hu sabieh.... Ah! L-arti, l-arti! Jiena nhobb aktar il-glorja tal-arti mill-glorja tieghi innifsi, ghaliex l-arti thobb lili u jiena nhobb aktar lilha. Hares xi hlewwa: ix-xemx tghib wara l-gholjiet u minn-naha l-ohra tiela l-qamar... Bhal issa kollox ibiddel lewnu ukoll il-hamrija, it-tub taghha donnhom imsiebah mixghula.... il-weraq tas-sigar donnhom fidda u l-fjuri qofof bil-gawhar...... il-bahar imbaghad donnu wied tad-deheb!..... Ghalhekk jiena noqod f'din it-tieqa bhal issa Rosina, biex noqod nitghaxxaq bil-gmiel ta' din il-Panorama, imbaghad impingiha. (Ihoss bhal balzmu fuq qalbu li jitwieh .)

Rosina. Tito ma jidirlekx illi l-Vessuvju minn ftit il-hawn biddel lewnhu?......

Tito. Iskot, iskot!..... Ma hemx kliem izjed... qieghed inhoss bhal ragg ta' ispirazjoni diehel go qalbi! Idea splendida!

Dolm u għana illi jmissu il Wied tad-dmugħ ta' din l-art! Napoli, il belt tal Ranzonetti, illi kitbu għorrofin jitkellmu fis-sema ikbar minn ġenna ix-xemx! Napoli li l-għana tagħha jiġġedded kull sena bħal fjuritura tal ġonna tal ward u l-ġiżimin. Lehen Napoli hija lehen id-dehel li tistieden id-dinja kollha biex tħossu il qalb. Tlaqqagħ għomrojiet ġodda u tgħallem qalb Natola lil imfarrdin. Napoli ġemma iċkejkna ta' l-art fejn l-aħjar tagħha jistiednu Nkol lil dwie-leb biex jinżlu jisfgħu fuq il-mewġ tal baħar u l-kolgien kollu jilqa' mbattar għal għana tiegħu.

(<u>Il-kant jieqaf jaqbad il-pinzel ixarbu bil-kulur u jmur fuq it-tila.</u>) Taht il-falda tal-Vessuvjufix-xtajta tal-bahar impingi sinjorina; anzi s-sinjorina Gemma Cherobini bl-umbrella f'idejha u meta dan il-famuz inqwatru jkun mitmum nirrigalahula ghal festa taghha. Allura meta tarah tghidli, "Gioja tieghi Tito! Imma taht dik id-dehra mumjettika tieghek x'kobor ta' genju jinsab!" Ghawn tannaqni u jiena nhoss il-kobor tieghi!..... U xi princep, x'duka u markizi.....
l-artista celebri tat-tijatru Gemma Cherobini lili thobb u bosta.

Rosina. (<u>Twarrab minn ma gemb it-tieqa u tibda tfaqqa dahq kemm tiflah.</u>) Intkom il-pitturi kollha xorta wahda, mohkom mal ajr imur fuq iz-zghar tal-laring. (<u>Tithaq.</u>)

Tito. Inti tithaq, izda minn hawn u ftit iehor tatini ragun. (<u>B'solennita'</u>) Jekk l-antinat tieghi Raffaelle ghaggeb lid-dinja bil-blewwa ta' Madonnini li pingi jiena ukoll ghad nghaggeb lid-dinja moderna b'dan l-inkwatru tieghi, ghaliex l-artista Cherobini li ghagbed lid-dinja B'Lehena, jiena mhux biss pingejta bl-akbar arti fuq l-inkwatri, izda pingejta gewwa qalbi ukoll. (<u>Imis qalbu.</u>)

Rosina. Hallina minnek Sur Tito, stembah darba ghal dejjem minn din il-holma li qieghda titliflek rasek..... Ghalfejn tixtieqa haga li ma jista jkollok qatt?....

Tito. Qatt ma jista jkolli?... Ghax inti ma tafx x'inhija arti.... u huma l-arti li f'daqqa wahda jifthu bhal ward fi qlub il-bniedmin u jiddakkru minn xulxin. Is-sinjorina Gemma Cherobini hija l-idlu tal-arti tijatrali u ma fadalx xiber art fid-dinja kollha li ma tghaxqietc bil-lehen angeliku taghha, u jiena Tito Petifero bl-arti tal-pittura ghad irrid imiss is-sema b'sibghajja u ghalhekk hanini, arti ma arti jiddokkru aktar mill-fjuri meta jkun jitbandlu miz-ziffa helwa taht ir-raggi tax-xemx, u f'dik l-imhabba pura huma jsiru qalb wahda, (<u>Imur f'salt fuq Rosina risolut.</u>) Rosina, minn hawn u ftit xur ohra inti tkun bhal issa b' dawk il-fjuri f'idek biex izzejjen dawn is-swali ghat-tieg

tieghi u ta' Gemma, u hares; manhallijiex tkanta izjed taf, nghixu bi\ss bil-pittura tieghi.

Rosina. Il-pitturi kollha mietu bil-guh. (Tithaq.)

Tito. Mhux jiena, celebrita' bhali..... Inti tahseb illi Gemma hadet grazzja mieghi ghal xejn?.....

Rosina. Int jew mignun jew dawlaqt tiggennen.....

Tito. Grazja fil-gherf t'ommi u ta' missieri mignun ma inix. (Jibqa jhares lejha b'ghajnejh imbarqin.)

Rosina. Imma inti qieghed tghid bis-sod jew biex ticcajta? L-artista Cherobini tizzewweg lilek meta riduha principjiet.....

Tito. Ereditqrji?

Rosina. Ereditorji jew le, izda huma dejjem principjiet: Inti taf daqsi illi l-gimgha l-ohra fit-tijatru San Carlo, hawn gewwa Napli filwaqt illi s-sinjorina Gemma kienet qieghda taghmel il-parti tat-Tosca fil-palk reali kien hemm il-princep Federiku tal-Austria u dan malli nalqet il-purtiera tela jigri ghal fuq il-palk, lil Gemma hadilha b'idejha u wara li ferhila qalila: "Lehnek seraq lil qalbi!" Hawn fetah kaxxetta u rrigalaha kullana tad-djamanti li tiswa xi £300.

Tito. Dan kollu nafu. U b'daqshekk? Dawn il-kumplimenti mhux soltu jghamluhomlom lil artisti tat-tijatru?.....

Rosina. Imma inti taf li talaba biex titgharras mieghu?

Tito. Naf, u hi ma rididx.

Rosina. Ghaliex ma rididx?...

Tito. Tajba din; ghax ghanda lili! (Jixxala)

Rosina. (Tithaq) Ghax ghanda lilek. Ghid ma rididx ghax Gemma ila sitt xur gharusa mat-tenur Carlo Sanzio. U dak iz-zwieg li qieghed tohlom inti tlett xur ohra sejjer isir mieghu.

Tito. Mhux veru!

Rosina. Kif mhux veru? Sa tghid lili.....

Tito. U mhux billi princep jew tenur jew x-ix xjefek hu.....
(Jibda jitbgheren.) Dik mix kustjoni.... il-grazja kollox ~~xxxi~~ hanini. Il-grazja....... (Hosbien.)

Rosina. Mela ibqa bit-taghma tal-grazzja. (Tkun serja.) Ara, l-blughat tieghek nessewni kollox u bqajt inhares kwarta f'

dawn il-fjuri f'idejja.

Tito. U jiena imhabba fik hallejt il-panorama. (Jersaq ma gemb it-tieqa, issa l-lewn roza tal-vessuvju beda jsir vjola.) Ara x'bicca ghamiltli.... ix-xemx nizlet u jiena bqajt minn ghajr ma pingejt il-panorama.

Rosina. Ghada xxemx targa titla pingiha ghada.....

Tito. Impingiha ghada meta l-ispirazjonijiet ikunu harbuli....

Rosina. Issa tigi s-sinjorina Gemma u terga ittik ispirazjonijiet godda....

Tito. Hekk nittama..... izda ahjar nahseb biex immur fuq l-iskrivanija tieghi.

Rosina. U jiena nissokta xgholi, ghad irrid inhejji ic-cena. Halli impoggi dawn il-fjuri, ghax holl xgharek u gib iz-zejt jekk massibx il-fjuri fuq il-mejda. (Tmur tpoggi l-fjuri fil-vasett li hemm fuq il-mejda t-tonda. Lil Tito li issa qabad iqalleb xi karti fuq l-iskrivanija.) Sur Tito, lil ibin Nenu rajtu?

Tito. Ibnek ma haditux maghha s-sinjorina Gemma dal-ghodu?

Rosina. Ghandek ragun..... u kif kien li f'nofs-in-nhar inqas giet ghal-pranzu?

Tito. Eh, hanini, ahna n-nies kbar dejjem insibu x'nghamlu, imbaghad ghanda l-provi tat-tijatru.... (Jaqbad xi karti.) Hares Rosina, dawn huma kollha kuntratti illi s-sinjorina ghamlet ma Franza, mal-Amerika u mal-Ingilterra. Fl-Ingilterra sejra biex tkanta il- "Neruni" ta' Boito. Lesti ruhek biex immorru maghha....

Rosina. Nahseb illi dewlaqt narawha hawn, ghax il-lejla kella taghmel mattinet kmieni biex imbaghad tghaddi l-lejl fil-viljuni. (Qeghded il-fjuri.)

Tito. Bilhaqq!..... (Jaqbad bicca karta) Insejt nghidilla lis-sinjorina, il-bierah fil-ghaxija rcevejt telegramm.mien ghand l-impresarju ta' "l-iscala di Milano" fejn habbar illi l-lum ghandu jigi hawn biex ikellima fuq xi kuntratti, tijatrali li hija kienet ghamlet mieghu. Halli naraw..... (Iqieghed it-telegramm fil-but)

XENA II.

Nenu u ta' qabel.

Nenu. (Tfajjel delikat ta' 12 il-sena, liebes pulit, jithol B' gharja ta' wiehed ferhan u jmur fuq ommhu) Mama'.

Rosina. Nenu, effi ghalik! Jaqawn ghandek iccavetta tal-bieb ta' barra?

Nenu. Tatieli s-sinjorina Gemma ghax kella tnejn; tatni ukoll dan il-biljett biex intijulek u qaltlek biex ma thejji xejn ghac-cena l-lejla.

Rosina. (Tiehu l-biljett.) Habat tajjeb ghax ghadni inqas hejjejt xejn.

Tito. Eh, eh!...... Inqas ghac-cena? Kella x'taghmel shieh il-lum is-sinjorina.....

Rosina. Nenu, ghidli ftit: x'kien illi s-sinjorina ma giec ghal-pranzu dal-ghodu? Haditek maghha x'imkien?

Nenu. Kieku taf mama kemm grejna... Qatt ma rajtha hekk sabieha il-belt ta' Napli bhal ma rajta l-lum.... malli inzinna l-belt thanna ghand wiehed rigattier; kellu hafna affarijiet zbieh.... imbaghad kellu nkwatru: aqta x'kellu pingut fuqu?

Tito. (Jahtfu) Il-panorama ta' Napli?!

Nenu. Kien hemm ir-ritratt tal-padruna taghna, is-sinjorina Gemma Cherebini liebsa ta' regina.

Tito. (Barra minnhu in-nifsu.) Il-kapolavur tieghi! L-ewwel ritratt li pingejtila meta kienet ghamlet il-parti ta' Ammeris fl-Aida! Kif?! Ghand miserabli rigattier mar jispicca l-kapolavur tieghi?!....

Nenu. Kemm kien hemm nies iharsu lejnh... Kullhadd jghelli fuq xulxin biex jixtruh.....

Tito. (Imur b'hegga fuq Rosina.) Taghra dak li nghidlek jiena Rosina?! Intkom ma tifmux, ma tifmux x'jigifieri tkun artis-ta mnissel mil-kbir Raffaello! (Imur fuq Nenu u jghidlu b'hegga.) Ghidli, ghidli ruhi, kien hemm hafna nies iharsu lejnh? Kien hemm folla kbira? Hekk hafna?... (Jaghmel sinjal b'idu.)

Nenu. Hafna.

Tito. Riedu jixtruh? Hafna, hafna?.....

Nenu. U kemm......

Tito. (Ezùltat.) U hawn min jghid illi ma jistheqqlix noqod ma gemb ic-celebri Cherobini......

Rosina. Bil mod bil mod sur Tito; riedu jixtruh mhux ghal-arti tieghek, izda ghal fama li ghanda l-Padruna taghna....

Tito. Ghal xejn, intkom ma tifmux. (Lil Nenu.) Nenu, issa halli nistaqsik din. Is-sinjorina Gemma lil min thobb l-izjed?

Nenu. Lil qattus. (Rosina tithaq kemm tiflah.)

Tito. (Infantas.) Le...... sewwa nghid jien li ma tifmux. Inqas irrid nitkellem aktar maghkom. (Imur mill-gdid fuq l-iskrivanija.)

Rosina. Ahjar. (Iddur fuq Nenu) Ibni, issokta ghidli fuq il-padruna taghna meta mortu ghand dak ir-rigattier?

Nenu. Hija damet titkellem hafna mieghu, imbaghad minn hemm morna ghand wiehed sinjur, ghandu jkun xi nutar. Dan dam jikteb hafna dak illi s-sinjorina bdiet tghidlu, u jekk fimt sewwa semmietlu xi bejh ta' din(id-dar) il-villa.

Rosina. Kif?! Tbieh din il-villa inqas hila li xtrata sitt xhur?....

Tito. (Iqum bilwieqfa qisu ghageb) Imma naturali. Issa mghandniex il-kuntratti ma Franza l-Amerika u l-Ingilterra. Ibqa zgur illi f'kull pajis li naslu s-sinjorina tixtri villa umbaghad terga tbiehha, sakemm nizzewgu, imbaghad nixtru wahda darba ghal dejjem, u ma niccaqlqux aktar minn hemm.

Rosina. Gabar fic-cimiterju jmissek tixtri.

Tito. (Imrighex.) Fic-cimiterju mur int..... jiena ghadni ghazeb ta' 40 sena u ghad irrid nghaggeb id-dinja bil...bil....

Rosina. Bil-krugha tieghek?

Tito. Bil-pniezel tieghi hanini. (Jissokta jikteb xi haga.)

Rosina. (Waheda) Din il-bicca tal-bejh tal-Villa xejn ma tghogobni... Nenu tieghi isma ftit u hallieh inewwah wahdu lil dak il-mignun. (Tghid lil Nenu f'gemb fejn Tito ma jistax jismaghha Fejn haditek izjed is-sinjorina?

Nenu. Minn ghand in-nutar haditni f'lukanda biex nipppranzaw, imbaghad lili hallietni fil-lukanda nistenniha u hija qabdet

il-motor u ma qaltliex fejn marret. Fit-tlieta giet u bl-istess motor morna t-tijatru San Carlo. Mama, hemm trid tara lis-sinjorina Gemma...... Kienet liebsa l-abjad kollha bil-kuruna tad-deheb fuq rasha.... lili hallietni fuq il-palk nitawwal minn bejn l-kwinti. (It-tifel jibda jirraguna donnu ragel.) Meta imbaghad dak il-princep li kien qieghed jir-recita maghha resaq biex jghannaqa hija resqet lura u l-princep donnu ha fastidju.....

Resina. Min kien qed jghamel il-parti tal-princep?

Nenu. Dak is-sinjur li jigi hawn kuljum.

Resina. L-gharus taghha, it-tenur Carlo Sanzio.

Nenu. Presit mama. Meta imbaghad spicca l-ewwel att regaw fethu il-purtiera. Hawn ridtek tisma u tara Mama: l-applawsi riedu jweqqghu it-tijatru u mil-palkijiet bdiet niezla bhal xita ta' fjuri fuq Gemma. Il-palk b'dawk id-dwal kien donnu genna, u Gemma kienet donna anglu qalb il-fjuri!

Resina. Qatt ma naqsita din il-glorja lil Gemma.

Nenu. Imbaghad, mama tela sinjur kbir fuq il-palk u lil Gemma hadila b'idejha u dam jifrah biha hafna. Dak is-sinjur smajthom jghidu illi huwa princep veru li gie xi xahar ilu mill-Awstria u lil Gemma jhobba hafna.

Resina. Qeda nara storja ta' misterji....(Waheda) Is-sinjorina ghaddiet gurnata barra... Tassew illi t-tfal jikxfu l-ghawar. Dak il-princep li mar jifirhila huwa listess wiehed li granet ilu kien irrigalaha kollana tad-djamanti, il-princep Federiku tal-Austria ghadu hawn f'Napli..... Hadd ma jnehhijieli minn rasi illi mghadux isus urajha biex jizzew-wiga..... X'ikun qatt mit-tenur Sanzio li tant habbha?....
Halli naraw dan il-biljett. (Tiftah l-envelope.)

Tito. L-ewwel darba li rajt mara f'hajti ma tbatiex bil-kurzita'. Dak il-biljett kien imissek ilek li qrajtu.....

Resina. Isket inti. (Taqra) Resina, nitolbok illi il-lejla ma thejji xejn ghac-cena. Jiena nigi ghal-habta tat-tminja imbaghad narga nohrog ghax ghandi appuntament u aktarx illi jkonna ninfirdu ghall-kollox.

Gemma. Cherebini.

Tito. Kif inhi din tal-ahhar?

Rosina. Habib tieghi sur Tito nistghu naqbdu l-valiggi taghna u nitilqu l-barra.

Tito. Ghaliex? X'ingala?....

Rosina. Ghaliex? Milli stajt nifem il-mahbuba taghna sejra thallina.

Tito. Thallina fejn?

Rosina. Inti taj bil-princep Federiku tal-Austria li bhal issa jinsab hawn f'Napli?

Tito. Dak illi rrigala l-kollana lil Gemma?....

Rosian. Kollu kemm hu. Lili hadd ma jaddini mil-ghajn tal-labra: il-lejla s-sinjorina Gemma ghanda "Appuntament" ma dan il-Princep.........u.Probabilment isir il kuntratt---

Tito. (Li qatt f'hajtu ma haseb hazin.) u sejra tkantalu xi erbgha biccoit ideqqu liskotti fil-palazz tieghu? Imma ahna mmorru maghhom......

Rosina. Trid tismaghha l-bomba? (Icempel il-qampiena tal-bieb ta' barra.)

Tito. Gie!

Rosian. Min?!

Tito. Ma nafx!!

Rosina. Sur Tito, inti ghadd ma f'imt xejn. Nenu, mur ittawwal u ghidinna min gie. (Nenu johrog mil-lemin.) Sur Tito, inti fimta d-daqqa jew ma fimtiex?

Tito. Jiena le.

Rosian. Mela halli nghidlek. Is-sinjorina Gemma tal spalleha lit-tenur Carlo Sanzio biex tizzewweg mal-princep u l-lejla ghanda appuntament biex tmur tisfen mieghu fil-Viljuni, imbaghad minn hawn u ftit ieher nisimghu li huma telqu ghal-Austria biex hemm isir it-tieg.

Tito. (Ma jafx fejn jibda jghati rashu.) Rosina, ghidli li din hija nvenzjoni tieghek, jew inkella il-marda tas-sofferjra tehodni gewwa l-qabar!......

Rosina. Nawguralek pacenzja u kbira rasenjazjoni.

XENA III.

Nenu u ta' qabel.

Nenu. (Jidhol mil-lemin.) Mama hemm wiehed sinjur.

Rosina. Liebes pulit hafna?

Nenu. Hafna! Ghandu kappell u ngravata qatt ma rajt bhalhom.....

Tito. Mela hu!

Nenu. Ghandu bastun bil-pum tal-fidda.

Tito. Mela hu! (JItwerreg.)

Nenu. Ghandu harsa ta' bniedem kbir.

Tito. Rosina. } Hu!! (Nenu, Tito, u Rosina, jibqghu iharsu skantati lejn xulxin.)

Tito. Issa sew, is-sinjorina Gemma mix hawn, kif sejrin nilqghu il-Princep?........

Rosina. Jiena ma nipprezentax zgur ruhi quddiemu.

Tito. Xebba ara, intkom ghall-issa itfilu gewwa jien, immur niftahlu, indahhlu hawn, imbaghad naqbadlu fuq-il-pittura u minn kelma ghall-ohra innehhilu xi flieles li dahlulu f'mohhu.

Rosian. kollox ghalik. Nenu, imxi mieghi. (Rosina u Nenu johorgu mix-xellug. Ftit u xejn mghagbin.)

XENA IV.

Tito wahdu imbaghad Raffaele.

Tito. (Baqa wahdu, ftit u xejn imhawwad, jibda jirranga hwejgu quddiem il-mera.) Sejjer biex nilqa princep.... l-ewwel darba fil-hajja tieghi. Issa sewwa ghax bil-germaniz ma nafx nitkellem. X'irid ikun. (Johrog imghaggel mil-lemin.) (Tito wara ftit jarga jidhol mil-bieb li hareg u jieqaf hdejn il-kaxxa tal-bieb biex jilqa minn ghalieh lil Princep.)

Raff. (Jidhol minn fejn dahal Tito: malli jidhol jaqla l-kappell minn rashu, kappell griz bil-faldi wisghin hafna "alla Milanese." Raffaele huwa ragel ta 50 sena fieh persuna sabieha, liebes elegantissimu, lehnhu baxx u ghandu xehta ta' business man kbir.) Ghettli l-is-sinjorina ma tinsabx f' din il-villa?

Tito. (Huwa lil Princep tal-Austria qatt ma rah, ghalhekk f'

Raffaele jara lil Princep; jinsab imhawwad hafna jibda jghamillu hafna inkini u ma jafx kif jaqbad ikelmu.) Le sur...... kif ghandi nsejjahlek jekk jghogbok?.... Sur, Sur ghid int jekk jghogbok/.....

aff. Dan l-inqas li jimpurtani, sejjahhli kif trid.....

ito. (Wahdu) Kemm hu umli dan il-princep.... (Lil Raffaele.) Ahfirli Sur.... iva, sur altezza.... cioe', iva, ara halli nghidlek: is-sinjorina mhix hawn u..... is-sinjorina mhix ghaz-zwieg.

aff. Dawn xi prospar huma? Altezza?..... imbaghad min qallek illi jiena rrid nizzewweg?

ito. (Wahdu sodisfatt.) Ghall-erewieh! (Lil Raffaele.) Lili ghandek tahfirli, ghax halli nghidlek sur altezza, aqta kemm jisghobbija li s-sinjorina ma tinsabx hawn..... u .....

aff. Altezza lili?

ito. U zgur li altezza, Princep bhalek.....

aff. Hadd zball taf; sejjer imqarraq.

ito. Imma skuzi, inti mintix il-Princep Federiku tal-Austria?

aff. Is-sema jharisni! Bizzejjed ghandi ksir ir-ras kif jiena, ahseb li kont princep.....

ito. Mela jekk jghogbok inti minn int?

aff. Jiena huwa Raffaele Landini impresarju tat-tijatru, "Scala di Milano." Ma rcevejtuhiex it-telegramm tieghi?

ito. (Jibdel f'daqqa) Oh! Sur Landini! Kif inti? Kif inti? (Johodlu b'idu.) Kemm ili nismà bik......

aff. U jiena ma min ghandi l-unur nitkellem?

ito. Jiena huwa Tito Pelifero, segretarju tal-artista u futur.... Hekku, futur....

aff. Habat tajjeb. Is-sinjorina Cherobini mgharfa bit-telegramm tieghi?

ito. Mgharfa u mhix....

aff. Dan kif sur segretarju? Jiena lilek indirezzajts.....

ito. Halli nghidlek sur Landini, meta naf jiena jaf kullhadd, ghax jiena wiehed minn ta' gewwa, ghalhekk jiena u s-sinjorina haqa wahda.....

**Raff.** Fimtek, inti tista tatini xi tgharrif....

**Tito.** Kemm trid u kemm jghogbok.

**Raff.** Tahseb illi ddum ma tigi l-artista?

**Tito.** Le, ma nahsibx.... nghidu ahna erbgha minuti u hames sekondi.

**Raff.** Insomma, ara Sur Segretarju, jiena ninsab f'tahwida kbira.

**Tito.** Oh! Dan jisghobbija! Nista niswielek f'xi haga?

**Raff.** Nahseb li tista bhala segretarju tal-artista Gemma Cherobini. Jiena kif ghettlek bhala impresarju tat-tijatru, "Scala di Milano." saritli talba generali fuq il-gurnali kollha sabiex nista norbot b'kuntratt lil artista Cherobini li tigi Milan biex tkanta erbgha opri ghall-okkazjoni tal-festi kommemorattivi ta' Giuseppe Verdi. Ahna ghazzinna: ir-Regoletto, Ballo in maschera, Travjata u l-Ernani. Ghall-hlas ma tahseb xejn ghax ghanda tigi hawn ~~sinjura~~. ghonja....

**Tito.** Issa jahassra kieku kienet hawn ma konniex nghidula. Imma dewlaqt tigi. Ara, jekk sakemm tigi trid nurik xi ftit pittura? Jew toqod tgawdi il-panorama?.....

**Raff.** Il-panorama naraha ghada ma tlugh ix-xemx, naraw ftit il-pittura.

**Tito.** Sur Landini, sejjer nurik zewg inkwatri tieghi, mhux biex niftahar, imma zgur qatt ma rajt bhalhom. Jekk joghgbok minn hawn. (Jurih il-bieb tal-lemin Raffaele johrog, u Tito johrog warajh.)

XENA VI

Gemma waheda imbaghad Resina.

**Gemma.** (Hija xebba ta' 30 sena, artista tat-tijatru mghonija b'kull gmiel, wicca abjad u ahmar bhal hawha, xghara jindigheb, u ghal kemm Alla ghonija b'dan il-gmiel u bl-inteligenza, izda hija umli. Din tithol mil-bieb tal-lemin liebsa kif ihobbu jilbsu l-artisti kbar u ma jonqsux id-djamanti ilelxu f' widneja, f'sibghija u fuq sidirha. Malli tithol tour dritt ghal fuq il-mera, taqla d-djamanti kollha li ghanda fuqa, tiftah il-kaxxun tal-majda, tohrog kaxxetta zkejkna u tqiegh-ed id-djamanti fiha u targa tghalaq il-kaxxun. Imbaghad b' lehen t'anglu issejjah mil-bieb tax-xellug.) Resina! Resina!!

Rosina. (Tithol imghaggla mil-bieb tax-xellug u ssellem lil Gemma.)
Buona sera sinjorina. Hadd hsiebok.

Gemma. Ghandek ragun. Il-lum kienet gurnata ta' tahbit kbir ghalija

Rosina. Ihni Nenu qalli kollox, qalli ukoll li kellek success kbir il-lejla fit-tijatru San Carlo.

Gemma. Kien kbir tassew u nissopponi sejjer ikun l-ahhar wiehed....

Rosina. Kif sinjorina?!

Gemma. Rosina, taf x'qima kbira ghandi ghalik?

Rosina. Nizzi hajr sinjorina. Daqsekk iebjor inhobbok jiena.

Gemma. Nitolbok, zomm mitfun gewwa qalbek kulma sejra nghidlek.

Rosina. Natik l-kelma tal-unur tieghi.

Gemma. Rosina, jiena qtajta illi nhalli t-tijatru ghal kollox. (Tibqa ftit hosbiena.)

Rosina. Fimtek sinjorina. Biex nghidlek ga ghadda xi haga minn ghalija.....

Gemma. (Kwazi maqtugha.) Kif?!

Rosina. Sinjorina, inti tassew ixxurtjata, u l-princep li mieghu sejra tizzewweg mhux inqas minnek ixxurtjat... Ghandi ragun sinjorina?

Gemma. (Ghanda hin wiehed ta' riflessjoni.) Iva sejra tkun xorti kbira ghalija. Xorti illi qatt ma kont nistenniha. (Fuq wicc Gemma timbed tbissima tal-genn.) Jiena sejra nizzewweg ma princep illi wera lejja imhabba kbira. U jiena tajtu qalbi! qalbi seraqieli, li wasalt biex natieh kelma li fuq palk ma nitlax izjed u nghix biss ma gembu fil-palazz sabieh tieghu.

Rosina. Min jaf x'palazz sinjorina? Min jaf kemm ghandu gid? Mur ara xi gmiel ta' genna! Daqs kemm int-thobb il-fjuri.....

Gemma. Il-palazz u l-genna ghadni ma rajtomx, imma gid ghandu bil-bosta.

Rosina. U zgur illi mux sejjer ihallik titla aktar fuq il-palk tat-tijatru, ma jghamillux gieh ghal princep li ghandu dak il-gid kollu.

Gemma. Hekkü. B'dan l-ahhar mattine tal-lejla jiena tajt l-ahhar tislima lit-tijatru. Addio ballijiet u festi f'din il-Villa.

Rosina. Ahfirli sinjorina, izda x'sejjer jghid it-tenur Carlo Sanzio meta jigi jaf b'dan, meta inti ilek dan iz-zmien kollu gharusa mieghu?

Gemma. Ikollu jissabbar.... Imhabba ohra aktar kbira rebhitli lil qalbi. Il-qalb hija misteru... Dan il-princep illi jiena sejra nizzewweg seraqli hekk lil din qalbi li nghazel il-mewt milli nichadlu l-imhabba tieghi.

Rosian. X'taqt kieku nghidlek Sinjorina.....

Gemma. Ghidli Rosina....

Rosina. Inti taf li jiena u ibni ma fadlenniex hlief lil dik ix-xwejha ommi.... (Taghmel ftit tal-buli.)

Gemma. Inti, ibnek u s-segretarju, il-lejla stess thallu din il-Villa.

Rosina. (Waheda.) Imsejkna jiena, izda aktar is-segretarju. (Lil Gemma.) Allura hekk malajr sejra thallina?

Gemma. Iva, kif baghat nghidlek fil-biljett: il-lejla ghandi appuntament, minn hawn u ftit iehor nitlaq u forsi ma nil-taqghux aktar.....

Rosina. (Minn hawn il-quddiem il-Kummiedja tibda tiehu xghira ta' serjata' kbira fil-personaggi kollha, barra minn Tito li jghix fil-qamar. Il-kelma "forsi ma niltaqghux aktar" laqtet b'qawwa l-qalb sensibli ta' Rosina.) Sinjorina!! (Taqbad il-ponta tal-fardal tghatti wicca bieh u tibki.)

Gemma. Taqtax qalbek Rosina. Jiena naf kemm inti thobbni u jiena nhobb lilek... Ghidli, mghandekx pjacir illi jiena nizz-ewweg ma princep ghani u mmur nghix mieghu f'Genna tal-art?!.

Rosina. Iva, sinjorina, imma jiena naf x'sejra nitlef! (Tissokta tibki.)

Gemma. Tahseb xejn Rosina, jiena diga hsibt ghal kollox. Minn hawn u ftit iehor jinghalaq il-bieb ta' din id-Villa u jiena hallejt kollox f'idejn in-nutar Remo Ranieri. Lilek hall-ejtlek biex tghix ghal-ghomrok u hallejt ukoll somma sabieha lis-segretarju Tito. Tajjeb hekk?....

Rosina. (Taqbad il-Gemma u tbusa.) Kemm inti qalbek tajba sinjorina!

Gemma. Fejn huwa s-segretarju? Halli nghidlu biex jikteb u nhassru

l-kuntratti kollha tat-tijatru.

Rosina. Jiena hallejtu.... (Tilmah lil Tito jifacca fil-bieb tal-lemain.) Hekku s-sur Tito.

XENA VI.

Tito u ta' qabel.

Tito. (Jidhol imghaggel u jmur fuq Gemma.) Buona sera Sinjorina. (Jibqa bhal minn qalbu thabbat qawwi.)

Gemma. Buona sera sru Tito.

Tito. Ilek kont qieghed nistenna. Hawn xi hadd irid ikelmek persunalment.

Gemma. Iva, imma qabel ghandi nghidlek zewg kelmiet:

Tito. Mela le sinjorina. (Jirranga in-nuccali u jghati daqqa tghin li tfisser hafna fuq Rosina.)

Gemma. Sur Tito, mil-lejla inti illicenzjat.

Tito. (bil-qatgha ikun sejjer jaqa fl-art.) Jiena fimtek sewwa sinjorina? Jiena illecenzjat?!

Gemma. Fit-tminja nghalqu l-bieb ta' din il-villa u kullhadd imur f'dahru.

Tito. (Mitluf ghal kollox.) Santa Barbara!!.....

Gemma. Pero' kullhadd imur ferhan.... In-nutar Remo Ranieri ghandu jbieh din il-villa b'kulma fiha u inti u Rosina taqsmu l-flus taghha bejnietkom.

Tito. Naqsmu bejnietma?... Allura sejra thallini sinjorina? (Taqbdu bhal rghoda li domnu jghoteb u sa l-sienhu jitqal.)

Gemma. Iva, il-lejla stess u ghal dejjem.

Tito. (Ihares lejn Rosina u jibqa n-rieq. Rosina tghamillu sinjal b'idejha li spiccaw it-taghmiet kollha.)

Rosina. (Lil Tito fil-gemb minn taht ilsien.) Perswaz issa? (Tgholli lehina.) Is-sinjorina ghanda appuntament ma wiehed Princep. Appuntament illi jnehhilek kull taghma.....

Tito. Inqas irrid nemmen lili nnifsi.... jahassra!...... .

Gemma. Ghalhekk sur Tito, nhalli kollox f'idejnk; ikteb mill-aktar fis u holl il-kuntratti kollha tat-tijatru ghaliex ma beh-siebniex inkanta aktar fuq palkijiet tat-tijatru.

Tito. Mela tridc nibdew biex nholluhom mal-impresarju ta' Milano? mument wiehed sigrorina...

~~Mument~~. (Johrog mill-lemin u jarga jithol malajr ma Raffaele.

XENA VII.

Raffaele u ta' qabel.

Raff. (Huwa ma Gemma tal-kunfidenza sewwa ghaliex kellu drabi ohra x'jaqsam maghha fuq kuntratti ta' tijatru.) Buona sera sinjorina; Stajt hallejtni naghmel xi sigha ohra antikamra. (Jitbissem b'gharja ta' kunfidenza.)

Gemma. Ahfirli sur Landini, ma kontc naf li inti ilek hawn?

Raff. Tlaqt dal-ghodu bl-ajruplan minn Milan u wasalt ghal-habta tal-pranzu.

Gemma. Poggi bilqgheda.... (It-tnejn ipoggu bilqgheda ma gemb il-mejda t-tonda.) Sur Tito, Rosina, morru ahzbu ghal dak li ghettilkom. (Rosina, tohrg mix-xellug, Tito jmur jaqbad il-kavallett, il-kuluri u l-pinzel u johrog bihom mil-lemin jgerger.) Sur Landini, ma tistax tahseb kemm inhossni mrexa ghaliex ma nistax nistiednek ghac-cena mieghi il-lejla, ghaliex ghandi appuntament u minn hawn u ftit iehor sejra nhalli din il-Villa.

Raff. Fimtek, dan ifisser li nghamlu kollox malajr? Mil bqija diga ghandi kollox ordnat fil-Hotel Umberto 1°, u nzerta li jiena ukoll ghandi appuntament u fit-tminja irrid inkun il-lukanda.

Gemma. Naf x'giebek hawn Sur Landini.....

Raff. Imissek ma tafx ukoll wara tant telegrammi....Toqoghod taqlani minn Milan..... Ghaliex jiena mhabba fik gejt hawn Napli, u ma tafx x'hallejt warajja......

Gemma. Izda nitolbok tinkurlax mieghi.....

Raff. (Dejjem fuq ir-riga tac-cajt.) Intkom l-artisti kantanti kollha xorta wahda....biex tiehu xi haga minn ghandkom ahna l-imsekna impresarji irridu ninzlu gharkuptejna quddiemkom )Jonfoh qawwi.)

Gemma. (Hija ukoll tinzel f'familjarita' kbira ma Landini.) Mhux din id-darba pero'......

Raff. Eh, eh! Saf l-ahhar iffrankajtli li noqod inhammar wicci. Huwa veru li ismek u isem it-tenur Sanzio huma mgharufin

mid-dinja kollha u lehinkom huwa riprodott fuq miljuni ta' diski, izda tafu tithalsu wkoll... Imsejknin ahna l-impresarji ghadkom irrovinajtuna. Mela ftit diskors u hafna fatti sinjorina. Hekk sewwa. Ghada partenza ghal-Milan.

Gemma. Bilmod. Ghadek ma fimtnix Sur Iannini. (Hosbiena.) Jiena f'din is-sena fl-Iskala ta' Milan ma behsibnix nigi nkanta.

Raff. (Titlaghlu fawra demm ghal-wiccu u jispicca ic-cajt kollu.) Ma tigix tkanta?! U l-kuntratt?!!

Gemma. Nitolbok tholni minnhu.

Raff. Kif jista jkun?!....

Gemma. Inhallas multa, kemm trid.....

Raff. (Dejjem demmhu jbaqbaq.) Mhix kustjoni ta' multa! Din hija il-hajja jew il-mewt tal-karriera tieghi! Inti ghandek tkun fit-tijatru ta' Milan fis 16 ta' Mejju, il-lum ghandna 14.

Gemma. Jiena ma inix bil-hsieb illi nkanta aktar fit-tijatri.

Raff. (Miblugh) Ghidli li qeda ticcajta....

Gemma. Qeda nghidlek bl-aqwa serjeta'.

Raff. Fis 16 ta' Mejju s-suprna Gemma Cherobini u t-tenur Carlo Sanzio tridu tkunu fit-tijatru "Della Scala" biex tifthu il-festi kommemorattivi ta' Guiseppe Verdi. (Ihabbat b'idhu fuq il-mejda)

Gemma. (Kontra qalba.) Sur Iannini, ma jistax ikun; il-kelma li tajt hija marbuta b'katina tal-azzar u l-appuntament li jiena marbuta bieh il-mewt biss tista thassru. Il-lejla jiena nhalli din il-Villa biex hadd aktar ma jarani u hadd aktar ma ~~jarani~~ jismaghni nkanta fuq palki ta' tijatri ghaliex glorija ohra qeda tistennieni u jekk din ix-xorti nitlifa, inkun tlift xorti kbira.

Raff. Imma gib ftit quddiem ghajnejk sinjorina, huma miljuni ta' hluq li gewwa l-belt ta' Milan qedin jghitu biex ghal darba ohra jisimghu lehenk! Meta jiena xandart l-ahbar li inti u t-tenur Sanzio gejjin f'Milan biex tkantaw, gew nies kbar mid-dinja kollha biex jisimghu lehinkom; u inti trid tarmi taht riglejk din il-glorja kollha?! U ma liema glorja ohra inti tista tibdel dan il-kobor?

emma. (Ghaddejja minn tempesta qalila.) Sur Landini! (Tqum quddiem Landini bhal haruf kwazi tibki.) Ismaghni bhal missier nitolbok: jiena sejra nizzewweg ma princep hekk ghani li qatt ma jkun jongesni xejn.... Nitolbok taghmilx aktar forza fuqi biex imbiddel dal-hsieb ghaliex ma behsibnix narga lura minn kelmti.

aff. Inti mela deciza?!

emma. Tajt il-kelma tal-unur tieghi.

aff. (Tigih mghodrija kbira.) Imsejkna tfajla!...... Alla tak dan id-don hekk kbir: "Il-lehen" li wasslek fuq l-ghola quccata tal-unuri u inti biex takkwista l-gid ta wieghed princep dan il-lehen sejra tifgah bl-istess imhabba ta' qalbek.

emma. Iva dan lehni jibqa f'gat ghad-dinja, imma ma jibqax f'gat ghall-gharus tieghi.

aff. (Iqum nervuzament u jaqbad il-kappell li gieb mieghu.) Addio Gemma! Jiena sejjer biex inxarrab l-art tal-Milan biddmugh u mieghi miljuni ohra ta-taljani, ghaliex l-Italja sejra titlef fik kewkba illi l-kont taghha kien isahhar minn tarf sa tarf tad-dinja!..... Hux hekk trid? Il-kuntratti tieghek huma mahlula. Addio! (Jibqa donnu ras maqtugha.)

emma. Addio! (Jiehdu b'idejn xulxin u Raffaeli li donnu ma jridc jemmen u ma jridc jinfired minnha, fl-ahhar jiddicidi illi jaqbdila idejha u jbusiela bl-akbar qima, imbaghad bilkwiet kollu jinfired minnha u b'rashu baxxuta mbikki johrog mil-bieb tal-lemin.)

XENA VIII.

Gemma waheda, imbaghad Resina u Nenu.

emma. (Fis-sala taqa sikta kbira, Gemma tirranga ftit xuxitha imbaghad tmur thares mit-tieqa ghal barra, qalba donna qeda thabbat qawwi; tmur ma gemb il-mejda tal-mera, tkun sejra tiftah il-kexxun, imbaghad taqtaghha illi ssejjah lil Resina.) Resina!!!

esina. (Tithel bil-valigga f'ideja b'qalba maqsuma, wicca mahsul bid-dmugh. Mghandiex aktar il-fardal abjad fuqa, izda

qieghed imkebbeb f'idejha, warajha Nenu.)

Gemma. Resina hallik mil-biki..... Minn jaf..... forsi ghad nerghu niltaqghu xi darb'ohra. (Tilmah lil Nenu qieghed jimsah ghajnejh mid-dmugh.) Nenu, inti ukoll?! Tghamlux hekk ghaliex sejrin taqsmuli qalbi? (Iz-zemm id-dmugh) Nenu, inti issa fejn sejjer? (Nenu bil-biki ma jistax iwieġeb, anzi ~~xi~~ jibda jibki izjed.)

Resina. Bghattu ghand ommi, ghand in-nanna fejn minn hawn u ftit iehor sejra jiena ukoll.....

Gemma. (Taqbad lil Nenu b'imhabba ta' omm) Mur nenu u taqtax qalbek, jiena hsibt ghalik ukoll, itlob ghall-imsejkna Gemma u qies li tobdi dejjem l-ommok, (Tbusu fuq gbinhu, Nenu johrog mil-lemin bla kliem xejn.) Resina, inti titlaqx qabel ma tarani hierga mil-bieb ta' din il-Villa.

Resina. Le sinjorina, jien irrid narak hierga minn hawn b'wicc il-gid

Gemma. Mela jiena diehla gewwa, min jigi ghidlu illi dewlaqt inkun hawn f'din is-sala.

Resina. Tajjeb sinjorina.

Gemma. Mghandix hlief valligga wahda x'niehu mieghi l-bqijja kellex ghall-ordni. (Tithol mix-xellug.)

XENA IX.

Resina waheda, imbaghad Tito.

Resina. (Tmur teqod bilqeda fuq siggu ma gemb il-mejda tonda, tqieghed il-valigga fl-art u timsah xi demgha.) Ahjar ma thobb xejn u lil hadd f'din id-dinja meta minn dak li thobb ikollok tinfired!..... Is-sinjorina Gemma ghalija kienet anglu tas-sema. (Thares lejn il-fjuri.) Kieku dawn il-fjuri kienu jistghu jitkelmu kienu jghidu kemm Gemma ghanda qalba tajba daqs kemm hija thobb il-fjuri, imma huma sejrin jibqghu hawn wehidhom jitbielu fuq din id-mejda minghajr ma jkollom id li tmellishom. Bhali! (Tinfex f'bikja u tolfoq qawwi sakemm jithol Tito.)

Tito. (Jidhol mil-lemin b'romblu karti u bastun f'idhu u jmur fuq Rosina.) U lili min sejjer isabbarni?.... Kieku laqtitni sajjetta ma kontx inhossa daqshekk!..... Ahjma qalbi!!

(Jieqaf f'nofs ix-xena.)

Rosina. Donna holma; inqas irrid nemmen... ahbar illi tassew giet fuqna bhal sajjetta.....

Tito. U safrattant sejrin inhallu din il-Villa ghal dejjem... Ara jien kont drajt tant gewwa din il-Villa jahassra... jidd-ispjacini ghaliex din il-panorama li kont bdejt impingi hallejta f'nofs lehja... (Juri r-romblu tal-karti.)

Rosina. Il-holm tieghek mar kollu qalb l-irmiet tal-Vessuvju.

Tito. Ehhhh!!!! Tfakkarnix!!! Kemm il-darba hlomt hajja mil-lewn il-ward: illi ghandu jasal jum illi ninxtehed bilqeda fuq pultruna ma gemb dik-it-tieqa, izda mhux bhala msejken impingi; imma bhala padrun ta' din il-Villa biex nghedda biss fl-arti tal-pittura u ngawdi l-miljuni tas-sinjorina Gemma; u din il-holma ghebed quddeimmi b'halma jinhallu fix-xemx il-gelati.

Rosina. Int veru bniedem li tghix fil-qamar.... beatu int.

Tito. Imma din il-panorama narah it-tmiem taghha... Jekk mhux minn dik-it-tieqa nitla fuq il-Tritere ta' Napli u ghandi npingi panorama li quddiema kullhadd jibqa b'halqu miftuh! Fejn marret is-sinjorina? Ghax nixtieq nirringrazzjaha qabel ma nitlaq..... jekk mhux ghal hag ohra ghal dak ir-rigal li sejra thallili....

Rosina. Is-sinjorina dahlet f'kamritha u ma tridc min jiddisturbaha.. Milli nifem il-princep li mieghu ghanda l-appuntament dewlaqt ikun hawn.

Tito. Nittama li dan il-princep ma jkunx xi grettlu żehor bhal dak l-impressarju ta' qabel, izda jekk dan il-princep ghandu jigi tassew irrid nghara lis-sabieh wiccu li bit-tustagni tieghu seraqli t-tezor tieghi. (Ipoggi bilqeda ma gemb Rosina.) Nistennew din il-grazzja kbira li tibqa miktuba fl-istorja ta' hajti. (Tinstemgha l-qampeina tal-bieb ta' barra. Tito iqum bilwieqfa donnu imbuttat minn molla.) Wasal!!! Din id-darba ma hemmx dubbju li mhux hu!!!

Rosina. (Tmur tittawwal mit-tieqa ghal barra imbaghad tmur tigri fuq Tito.) X'wahda din!!! Gie t-tenur Carlo Sanzio!!! (Il-qampiena targa iccempel minnghajr sabar, bejn TITO u Rosina

taqa konfuzjoni kbira.)

Tito. Imsejken tenur, gralu bhali, jiena bqajt bil-pniezel f'idejja u huwa sejjer jibqa jkanta t-travjata.....

Rosina. Ma nafx x'sejjer jigri l-lejla f'din id-dar?! Meta t-tenur Sanzio jigi jaf illi l-gharusa tieghu il-lejla sejra titlaq mal-princep biex jiccelebraw iz-zwieg taghhom fl-Austria!.... (Il-qampiena targa ddoqq aktar bil-qawwi.)

Tito. Dak sejjer jaqta l-qampiena u mur iftahlu x'irid ikun, issa ghal barra ahna....

Rosina. Immur niftahlu, izda nlestu ruhna ghat-tracedja!!....
(Tohrog maghla mil-lemin.)

Tito. L-ghali bighu jghid il-proverbju. Taf x'l-ahjar li wiehed jaghmel: it-tenur gie u jiena nitlaq.... u la darba s-sinjorina ma trido min jiddisturbaha nghid lil Rosina biex tirringrazzjaha ghalija, u jekk tassew hallietli xi haga tal-flus imbaghad niktbila l-Austria. Mela issa mmur id-dar, niehu dawk il-karti mieghi, u nhassrila l-kuntratti kollha. Addio sinjorina. (Isellem b'idhu lejn il-bieb tax-xellug, imbaghad imur jiehu xi karti minn fuq l-iskrivanija u jaqbad hiereg.)

XENA X.

Rosina, Tito u Carlo Sanzio.

Rosina. (Tithol quddiem tkemmex xuftejha lil Tito.)

Tito. (Lil Rosina.) Maltemp?!.....

Rosina. (Taghmel sinjal bsubghajha fuq imnehira biex issikket lil Tito, Tito jieqaf b'ghajnejn imberqin.) Ghaddi Kavalier.

Carlo. (Zaghzugh ta' 32 sena, fil-gmiel mux inqas minn Gemma, aktarx ftit qawwi, liebes kif jilbsu l-artisti kbar, izda bla kappell u fuq sidru ghandu warda bajda, jithol imbgheren gmielu.) Iddum hafna ma tigi s-injorina?

Rosina. Ma nahsibx Kavalier.

Carlo. Nistennew. (Jibda jippassigga ma tul il-palk agitat.)

Tito. (Imur fuq Carlo.) Kavalier, addio dawk is-sigaretti "Avana" li kont tatini, ma nxommiex aktar il-fwieha taghhom, xi xnub!.

Carlo. (Aktar mitluf fi hsibijietu milli f'dak li qieghed jghidlu Tito.) Jaqawn Sur Tito? Imhatra wasalt biex thalli?.....

Tito. Hawn hekk ghamilna banka retta. Arani sejjer inhassar il-kuntratti kollha. Grazzi lillek ukoll taf Kavalier....... Sahha!! (Carlo jibqa jhares.) Sahha Rosina, sellili ghas-sinjorina Gemma, ghidila li nirringrazzaha u fuq il-kuntratti ma tehux hsieb.... Sahha sejjer inkompli l-panorama, sahha! Sahha Kavalier! (Isellem b'idju u johroġ mil-lemin.)

XENA XI.

Rosina u Carlo, imbaghad Gemma.

Rosina. (Lil Carlo li baqa jippassigga.) Kavalier jghogbok tpoggi ftit bilqgheda?

Carlo. (Agitat dejjem.) Le, nghazel li nibqa bilwieqfa. (Mghandux sabar, jibda jippassigga mas-sala, imbaghad johroġ sigarett " Ovona " u jqabdu bla sabar ta' xejn u jibda jdahhan bla hniena.)

Rosina. (Kwazi tibza titkellem.) Kavalier, kif ghadni kemm ghettlek; is-sinjorina Gemma ma tistax iddum wisq, aktarx illi dahlet tbiddel ghaliex fit-tminja sewwa ghanda appuntament u qalet li sejra thalli din il-Villa.

Carlo. Appuntament?!

Rosina. U x'appuntament!..... Ikkonsidra illi lili u lis-segretarju Tito li diga telaq tatna s-sensja.

Carlo. Tatkom is-sensja?

Rosina. Diga bighet din il-Villa u ghanda l-valigga imhejjija biex titlaq.

Carlo. Titlaq fejn?

Rosina. Ahfirli Sur Carlo, imma jiena ma nafx... Hekku, ma nafx.

Carlo. Imma naf jien! ~~Gemma~~ Gemma l-ewwel hallietni nitla kalvarju ta' mhabba imbaghad.... Emminni Rosina, inti taf xi haga f'dawn is-snin li ilek maghha... Alla biss jaf is-sakrificci kbar li jien ghamilt ghaliha...Kont jiena li wassalta ghal din il-glorja tal-arti. Thabbibna bhal zewg ahwa. Qatt ma kellna l-inqas haga xi nghidu. Tghallimmna flimkien, kant-ajna fliekien u kbirna fliemkien b'qalb safja bhal dawk il-

fjuri, u issa li konna wasanna biex nghixu felici flimkien bhal zewg angli mghaqudin qalb wahda fis-sakrament taz-zwieg hija tmur tibdinni ma princep?! Forsi l-fama tieghi mix aktar minn tal-princepijiet?.... Emminni Rosina li jekk taqtaghli rasi ma tohrog qatra demm! Ghidli Rosina, ghandi ragun jew le? (Rosina tissamma bhal gebla.) Inti tibza twegibni, inti taf li ghandi ragun, imma l-biza jghalaqlek halqek. Rosina, ukoll jekk naf li nibqa mejjet hawn fl-art bil-ghali, imma semmahhieli dik il-kelma tal-verita' mhux veru li l-artista Gemma dahditli l-imhabba taghha u sejra tizzewweg ma princep?

Gemma. (Tithol mil-bieb tax-xellug, issa liebsa kollha l-abjad t'gharusa, b'velu ukoll abjad fuq rasha u ghanda valigga kbira f'idejha.) Carlo, dal-hin? Ma kellekx tissokta s-serata tal-Carmen il-lejla?

Carlo. Hallejt kollox biex nigi nara lilek. Gejt biex natik l-addio; inti l-lejla ma intix sejra ssiefer? Mghandekx appuntament?

Gemma. Iva, arani bil-valigga f'idi.

Carlo. U tghidli hekk b'din il-bruda?.....

Gemma. Din x'fiha?.......

Carlo. L-issiefer le, imma li thallini kiesah u biered hija gravi hafna!

Gemma. Le, Carlo tghic hekk, jiena ghettlek biex neqtghu kull rel-azzjoni, izda inti tider illi hadd kollox biccajt.....

Carlo. U zgur li biccajt, ridtni nemmnek?

Gemma. Il-lejla pero' ikollok temmen ukoll jekk ma tridx: Iz-zwieg taghna mhux sejjer isir. (Tbaxxi ghajnejha lejn l-art u bil-kemm thares darba lejn Carlo.)

Carlo. Imma nista naf x'inqala?!

Gemma. Carlo, jiena ninsab marbuta b'kelma tal-akbar setgha; tajt kelma tal-unur li qabel ma jsehh il-progett tieghi ma nit-kellimx; il-progett tieghi inti tkun tafu biss meta jiena nohreg minn din il-Villa l-barra u nasal fil-post tad-dest-inazzjoni tieghi.

Carlo. Ma jaqbillekx titkellem; il-princep ghalaqlek halqek. Imma

ismaghni Gemma: (<u>Titlaghlu fawra f'rashu.</u>) Kun af li inti l-lejla minn din il-villa ma tohrog!

Gemma. Carlo, kun tajjab. (<u>Issa thares lejn Carlo.</u>)

Carlo. Jiena dejjem tajjeb, imma hija l-imhabba Gemma! Hija l-imhabba li qeda titkellem bhal issa!

Gemma. Ghandek tort, jiena ghettlek biex ma tahsibx izjed fuq iz-zwieg taghna....

Carlo. Kelma hi, imma min sejjer jipperswadini?!

Gemma. Carlo, kun aktar kalm. (<u>Iddur fuq Rosina li kienet hemm tisma donna statwa.</u>) Rosina, hu din il-valigga fejn il-bieb ta' barra u ibqa hemm biex malli ocempel il-qampiena tiftah malajr.

Rosina. Iva, sinjorina, nibqa nistennik biex natik l-ahhar bewsa. (<u>Taqbad il-valigga taghha u ta' Gemma u tohrog bihom mil-lemin</u>

Gemma. X'wahda din! Kemm qed narak inkwiet il-lejla, kemm mghandekx sabar. Carlo?!

Carlo. Trid li mankunx. Fejn tridni nsibu dan is-sabar?......

Gemma. Ghandek ragun, izda inti kien imissek fimtni, kien messek emmentni......

Carlo. Le, qatt ma stajt nemmnek. Kif ahna kbirna flimkien fuq il-palk tat-tijatru u kif ahna habbejna lil xulxin b'imhabba safja bhal zewg ahwa; inkurunati t-tnejn bhal zewg slaten bil-glorja tal-arti u l-arti ddewbed gewwa qalbna biex l-imhabba ggighenna nghixu u mmutu ghal xulxin... Kif issa inti trid hekk f' daqqa wahda taqta din il-katina tad-deheb li rabtitna?! Dan huwa genn! Ghidli Gemma trid tarani mejjet hawn quddiemek? Jekk le ibqa tir fuq il-gwienah tal-arti ma gemb il-mahbub tieghek!......

Gemma. Oh! Carlo, kieku kont tista taqra gewwa qalbi! Jiena bhal dan il-mument qeda nghara l-hajja tieghi kollha ghaddejja bhal talkies minn quddiem ghajnejja, qeda nghara l-ibliet zbieh tal-Itlaja jixilghu bil-lejl izbah mill-istess sema mżawwal bil-kwiekeb; qeda nghara dawk it-tijatri misghudin bin-nies mitlufin f'dillirju jhabtunna idejhom u ahna mghottijien bil-fjuri li kbarat jixhtu fuqna; qeda nghara

dawk ir-rigali li f'kull serata jghamlunna, oriket u djamanti jlellxu quddiemi, u b'dana kollu jiena sejra nhalli kollox. (Tghatti wicca b'ideha.)

Carlo. Jiena qieghed nifmek sewwa jew qieghed niggennen bhalek? Inti behsiebek thalli l-kant it-tijatru?

Gemma. Behsibni nhalli kollox, kant u tijatru.

Carlo. U dan biex ikellek l-unur li tiz-zewweg princep?

Gemma. Hekku, biex nizzewweg princep. (Kwazi tibki izda, aktar bil-ferh milli b'sobgha.)

Carlo. Saf l-ahhar ghettieli l-kelma tas-sewwa. Hekku hela l-famus appuntament li ghandek.... Stajt jiena ma niddubitax meta ghandek sal-libsa tat-tieg fuqek?...... (Jitlef rashu ghal kollox, l-imhabba u l-ghira ma thalliehx jirraguna aktar Idur fuq Gemma dennu barri.) Gemma!..Gemma!!..... (Aktar jibki milli jitkellem.) Gemma!!!..... (jehreg rivolver mil-but tal-glekk.) Il-princep gej, imma inti ma tizzewgux. Izda jiena ghandi nemnek?!

Gemma. (Imwerwra.) Santa Marija!! X'gej Carlo?!

Carlo. L-ewwel inti, imbaghad jiena hawn f'figlejnk!

Gemma. (Imbezza.) Le Carlo!..... (Tghelli idejha.) Iva stenna ftit iehor.... ftit iehor, sejra nghidlek kollox, xejn ma nahbilek

Carlo. Tghidli xejn, jiena tlift il-fidi kollha fik, inti qed tahbili xi misteru kbir, marridc nemnek izjed!! (Javvicina.) Gemma, dan huwa kollu frott ta' imhabba safja u sabieha; jiena kont inzommok tajba bhal angli, imma inti.... Le nghazel illi mmutu fliemkien milli inti taghmel il-pass tieghek!..... (Wasal bir-revolver fuqa.)

Gemma. (Trid kieku tghid is-sewwa, izda tistma aktar l-unur tal-kelma milli ta' hajjitha.) Zomm idejnk Carlo, minuta ohra u tkun taf kollox, thallinix nikser il-kelma tal-unur tieghi nitolbok!..... (Jinstama arlegg ideqq it-tminja, fis-sala taqa hemda kbira, Carlo jibqa cass bir-revolver f'idhu ippuntat fuq Gemma fil-hin jinstam hoss ta' moter jieqaf wara l-bieb tal-Villa, imbaghad il-qampiena tal-bieb ta' barra.)

Carlo. Habibek wasal. (B'ironijja.) il-Princep gie biex jiehdok mieghu!.... Imma din is-sala tkun il-qabar taghna t-tnejn! Fliemkien irridu mmutu! Gemma, ghid f'qalbek l-att tal-indiema.... jiena marrido l-irruh tieghek tintelef le!.... Addio Gemma!!!

L-AHHAR XENA.

Madre Abbatissa u ta' qabel.

Madre. (Kif Carlo jkun sejjer jispara tithol mil-lemin, hija l-Madre Abbatissa tas-serijiet klarissi, tider Xwejha, izda aktar bil-penitenza milli bl-eta', id-dehra taghha tigbidlek qalbek ghall-imhabba, din tieqaf fil-bieb tiftah dirghajha it-tnejn u tibqa bhal statwa.)

Gemma. (Li sa dal-hin mghamlitx hlief tibki.) Carlo, hekku l-appuntament! Issa jekk trid tista tispara.

Carlo. (Jifhem kollox bhal lehha ta' berqa, jinzel fuq kuptejnh il-wahda u jghaqghalu ir-revelver minn idhu.)

Gemma. (Tmur b'salt fuq il-Madre.) Madre Abbattissa!! (Gemma u s-seru jitghanqa bhal omm u bintha.)

Madre. (Tinfired minn Gemma u tmur fuq Carlo,) X'ikunu qatt dawn l-affarijiet sinjru?

Carlo. (Iqum, u issa li fehem kollox jinbidel f' haruf.) Xejn Madre..... Ghadirni...... kienet l-imhabba...... imma issa fimt kollox.... l-appuntamet...... (Imur bil-hlewwa fuq Gemma.) Gemma, imma l-ghaliex hbejtli dan kollu u mghattliex mill-ewwel?

Gemma. Din kienet il-weghda, li nobdi u ma nitkellimx.

Carlo. U kieku qtiltke?

Gemma. Kont immut bhal ma jmutu l-martri.

Carlo. Issa qieghed nifem aktar ghaliex dik il-libsa bajda;;;;;;; u l-Princep??

Gemma. IL-Princep huwa GESU' CRISTU li jiena ghaziltu bhal gharus tieghi. Min huwa akbar minn dak li halaq is-sema u l-art....

Carlo. Ghandek ragun Gemma..... Imma ghidli, ma hux veru genn dan li sejra taghmel? Thalli l-glorja tal-arti tieghek biex tmur tinghalaq bejn erbgha hitan tal-kunvent tal-klawsura?

Madre. Le hija, ma hux genn min ghall-imhabba t'Alla u t'ghiru iwaddab id-dinja wara spallejnh. (Tmur fuq Gemma.) Binti, jiena kif konna ftehimna dalghodu gejt biex niehdok mieghi, inti ukoll kellimtni fuq l-gharusija tieghek u milli qed nghara dan is-sinjur kellu jkun sewgek, u inti smajt il-kelma t'Alla u dan iz-zwieg sejra thassru biex toffri ruhek Lilhu. Alla laqa dan is-sakrificcju kbir tieghek. Binti, nistghu nitilqu.

Gemma. Mument wiehed Madre. (Tmur tiftah il-kaxxun tal-mejda tal-mera, tohrog il-kaxxetta tad-djamanti, imbaghad titfi d-dawl is-sala tibqa imdawla biss mid-dija tal-kwiekeb u tal-qamar li diehla mit-tieqa, il-Vessuvju issa ha lewn vjola skur u f'dik il-hemda li waqaghad issa tinstama musika: din il-musika hija dwett li Gemma u Carlo irriproducew fuq disk, jista jkun: "Verranno a te sull' Aurea " final tal-ewwel Att tal-Lucia di Lamermoor.)

Carlo. (Imur jaqbad lil Gemma minn idirghajha u jressaqa ma gemb it-tieqa.) Isma Gemma, dan hu il-lehen tieghek u tieghi, l-ahhar disk li ghamilna flimkien, tiftakar?

Gemma. (Hija tiftakar storja, minn go fiha ghaddej hin wiehed ta' taqtigh il-qalb.) Xi gmiel f'din il-hemda!.....

Carlo. Trid li dan il-gmiel jigi mitfun u fgat f'dak il-qabar tal-kunvent tal-klawsura?

Madre. (Tersaq hija ukoll lejn it-tieqa.) Gemma, din ghalik hija l-prova tan-nar! La thallix il-demonju jirbhek fl-ahhar minuta......

Gemma. (Taghmel bhal reazjoni.) Le Madre. (Iddur fuq Carlo.) Carlo, lehni ma jmuc, izda jibqa jinstema, mhux fis-swali profani, tat-tijatru, imma mad-daqq tal-orgni fis-santwarju tal-Madonna.

Madre. (Hienja li rebhet.) Brava Gemma! Alla jkun mieghek. (Turi b'idha mit-tieqa.) Hares hemm isfel ma gemb dak is-Santwarju ta' Pompei, hemm jinsab il-kunvent taghna. (Il-kant jibda jintefa fix-xejn.) Qedin taraw dak il-kampnar milqut mid-dija tal-qamar? Dak huwa l-kampnar tal-knisja taghna, u

fejn hemm dawk is-sigar gholjijien u fjuri sofor li ma jidrux dak huwa c-cimiterju taghna, u imbaghad hemm dak is-sur illi l-hitan tieghu gholijin jghalqulek darba ghal dejjem il-bieb ta' kull ma jlellex fid-dinja, u jibqghalek biss l-Alla illi inti sejra tfittex bejn il-hitan imqadsa tal-kunvent li ghalik sejjer ikun l-antikamra tal-qabar; irrid nghid jiena il-klawsura. (Il-kant jieqaf u jinstemghu tokki ta' qampiena fil-boghod li donnom inisslu l-biki.)

Gemma. Madre x'ifissru dawn it-tokki tal-qampiena bhal issa?

Madre. Binti din hija l-qampiena tal-kunvent taghana l-issorijiet idoqquha meta ma jkunx fadlinna hobz izjed fuq il-mejda, biex issejjah il-hniena tal-benefatturi.

Carlo. Gemma, qeda tisma? Inti sejra biex tmut bil-guh!

Madre. Le sinjur, Alla jitma ukoll lil-ghasafar tal-ghiru u mhux sejjer ihalli l-prediletti tieghu imutu bil-guh.

Gemma. Madre, f'din il-kaxxetta, ghandi gawhar u deheb.

Madre. Ma nistghux naccettaw tezori bhal dawk.

Gemma. Tajjeb, natieh lil Madonna ta' Pompei, mil-bqija flus ghandi, l-arti ghennietni. Immorru.......

Carlo. (Idur bi hniena fuq Gemma.) Gemma l-ahhar talba li sejjer naghmillek: ibqa, id-dinja tridek.

Gemma. Id-dinja trid lili, izda jiena marridc lilha.

Madre. (Sodisfatta.) Il-kelma li harget minn fomm hija l-kelma tal-qaddisin. Ismek ghad jibqa jissemma fl-istorja tal-arti u tal-knisja.

Carlo. Inti mela sejra thallini, inti ghalija mejta! (jibki.)

Gemma. Mejta, izda meta jiena nkun mixhuta gharkuptijja quddiem il-Madonna Regina tas-sema u l-art imdawra bil-fjuri l-ewwel talba nghamilha ghalik mahbub Carlo.

Carlo. Iva, Gemma u Min jaf ghadx tigi gurnata li nimxi war l-passi tieghek u mmut fil-kunvent tat-trappisti?

Gemma. Oh! X'xorti kbira! Hemm fis-sema ikun l-izbah appuntament taghna!

Carlo. Gemma, ghada l-gurnali tad-dinja kollha jxandru l-grajjiet kbar tieghek u pitghada jhabbru l-grajjiet tieghi. U allura

meta tarani warà dik il-grada tal-klawsura biex nigi insellimlek ghall-ahhar darba dan ikun: L-IŻBAH U L-AHHAR APPUNTAMENT!

(Mewga ta' hena tider tiddi fuq wiccem it-tlieta. Il-Madre Abbattissa taqbad helu helu lil Gemma, tixhed idejha fuq ghonqa u b'passi zghar tmexxiha lejn il-bieb tal-lemin ghal barra. Carlo mhux inqas ferhan minn Gemma bl-inspirazzjoni li issa Alla nissel fieh jaqla l-fjur abjad li ghandu fuq sidru, jitfghu fil-but, jghaqqad idejnh it-tnejn fuq sidrhu u jimxi urajom. Ma jkunux lahqu hargu mil-bieb illi l-purtiera ma tinghalaqx bil-mod il-mod f'sikta l-aktar qaddisa

T M I E M.